MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 171/2014

**George Giordmaina**
**ID 216477M**

**Vs**

**Daniel Mizzi**
**ID 238780M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' Marzu, 2014 fejn l-attur talab illi thallas lill-attur is-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) rapprezentanti l-valur ta' hsarat li gew kommessi fuq van numru tar-registrazzjoni CBH-275, propjeta tal-attur u li kien fil-pusses tal-konvenut kif ser jigi ppruvat fil-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 247/14 u bl-imghax sad-data tal-hlas.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezentat ir-risposta tieghu fis-7 ta' April 2014 fejn eccepixxa illi l-intimat m'ghandux jghati s-somma ta' l-ammont mitlub mill-attur.

Illi l-vettura CBH-275 kienet inbieghet lill-attur ghal prezz ta’ erbat elef, erba’ mija u sittin ewro (€4,460) li kienet tithallas f’pagamenti li minghajr ebda raguni valida fil-ligi l-attur qabad u ha fil-pusses tieghu l-vettura li kienet ilha sentejn tithallas mill-konvenut.

Il-konvenut ipprezenta ukoll kontro talba fejn eccepixxa illi jien qed nikkontesta t-talba kontrija permezz ta’ risposta kontestwali. Inoltre nghid li ghandi niehu s-somma ta’ elf u tmien mitt ewro (€1,800) billi l-vettura qieghda fil-pusses tal-attur.

Giet irregistrata ammisjoni.

It-Tribunal wara li kien hemm ammissjoni jilqa’ it-talba attrici u jikkundana lil konvenut jhallas is-somma ta’ elfjen ewro (€2,000) bir-rata mensili ta’ mitt ewro (€100) fix-xahar, b’dan illi kemm il-darba l-ammont ta’ mitt ewro (€100) fix-xahar ma jithallasx allura l-attur ikollu d-dritt jitlob l-ammont li jkun fadal fl-intier tieghu.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------